# Il-Festa ta' Sant'Anna fiż-żminijiet imgħoddija

Emanuel Peresso

Hekk kif deher li kienet se tispiċċa l-gwerra f'Malta, il-ftit familji li fl-1943, kienu baqgħu joqogħdu Wied il-Għajn, bil-mod il-mod, setgħu jerġgħu jibdew jgħixu ħajja normali, jippruvaw jinsew in-niket u l-faqar li ħalliet warajha l-gwerra u jħarsu 'l quddiem lejn il-ġejjieni b'mod pożittiv. Xi residenti li twieldu u trabbew f'Wied il-Għajn, kif ukoll xi kanonċi mill-Parroċċa tal-Isla li kienu residenti għas-sajf (u li dak iż-żmien kienu responsabbli mill-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja l-qadima ta' Triq La Sengle), ħasbu biex jorganizzaw festa ddedikata lill-Patruna ta' dan ir-raħal żgħir, imma wisq ħelu - lil Sant'Anna Omm Marija Bambina.


Il-festa ta' Sant'Anna fl-imgħoddi

Din il-festa kienet tiġi ċċelebrata Ħadd fuq Santa Marijau damet issir hekk sa nofs is-sittinijiet. Meta laħaq kappillan Dun Joe Carabott, il-festa bdiet issir l-ewwel Ħadd wara is-26 ta' Lulju, li hi l-propja ġurnata tal-festa ta' Sant'Anna. Mill-1943 sal-1947, din il-festa kellha purċissjoni – pellegrinaġġ, peress li dak iż-żmien, Wied il-Għajn kellu biss it-titlu ta' Viċi-Parroċċa u ma kienx hemm Kappillan. Dun Tarċis kien ilu residenti f'Wied il-Għajn mill-1942. Fl-1943 inħatar bħala l-ħames Vigarju Kurat ta' Wied il-Għajn. Fl-1949 Dun Tarċis Agius sar l-ewwel Kappillan ta' Wied il-Għajn.

L-ewwel festi ta' Sant'Anna kien jorganizzahom il-kapitlu tal-Parroċċa tal-Isla. Il-kanonċi tal-Bażilika tal-Madonna, imsejħa Il-Bambina, kienu jipparteċipaw fihom bil-kbir. Kien hemm kanonċi li jieħdu sehem flimkien ma' lajċi li kienu jakkumpanjaw bl-umbrellun u l-mazza. Bħal kull bidu ieħor, din kienet għadha festa żgħira, imma ħelwa. Fl-1946, Dun Tarċis Agius, li kif għedna, kien għadu ma ġiex maħtur Kappillan, kien diġà beda jaħseb biex fir-raħal, iġib statwa ddedikata lil Sant'Anna. Bil-ġenerożità ta' wieħed benefattur mill-Birgu li fis-Sajf kien joqogħod Wied il-Għajn, li ħallas għall-ispiża kollha, din il-ħolma saret realtà. Il-vara ta' Sant' Anna inħadmet f'Bolzano, raħal min-naħa ta' fuq


Il-purċissjoni ħierġa mill-knisja l-ġdida li għadha mhix lesta

tal-Italja u f'Awwissu tal-1947, twasslet Wied il-Għajn fuq *barge* tan-navy Ingliża. L-ewwel darba li ħarġet il-purċissjoni b'din il-vara kien fl-1948. Dak iż-zmien kien hawn madwar 500 mitt ruħ. Fejn toħroġ tiddeverti n-nies li għexu f'dawk iż-żminijiet, ftit kellha u allura l-festa u dak kollu li għandu x' jaqsam magħha, kienu jistennewha bil-ħerqa u jattendu għaliha.

Għalhekk kien xieraq li l-Kapitlu tal-Isla, ikun mistieden biex imexxi u jiċċelebra l-funzjonijiet tal-festa. Dak iż-żmien, kien hemm parteċipazzjoni ikbar mil-lum fil-purċissjoni. Biżżejjed ngħid li qabel il-bandiera l-ħamra tas-Sagrament, kienu jimmarċjaw l-Iscouts, il-*Legion of Mary*, is-*St. John Ambulance Brigade* u xi għaqdiet oħra. Imbagħad wara l-bandiera tas-Sagrament jimxu l-fratelli bil-muzzetta l-ħamra, il-kulur tas-Sagrament, u s-salib kien jintrefa' mis-sagristan. Tajjeb li nsemmu li fi żmien il-Kappillan Dun Tarċis, is-sagristan kien impjegat *full time,* u dan il-post kien jintiret mill-istess membri tal-familja, sakemm il-Kappillan ma setax iħallas iżjed, minħabba li kien qed jaħseb għall-bini ta' knisja ġdida. Wara l-fratelli, kien ikun hemm l-abbatini, il-kleru u fl-aħħar nett, iċ-ċelebrant iżomm ir-relikwa ta' Sant' Anna. Meta beda x-xogħol fuq il-knisja l-ġdida fl-1953, il-festa, il-purċissjoni u n-nar bdew isiru b'inqas pompa u l-flus li jiffrankaw kienu jmorru b'risq il-bini tal-knisja.

Meta mbagħad bdiet toħroġ il-vara, u meta fl-1949, Dun Tarċis inħatar bħala l-ewwel Kappillan, il-festa bdiet iżżid fil-popolarità. Fis-snin ta' wara l-gwerra, bdew jiżdiedu kemm ir-residenti kif wkoll il-villeġġjanti. Għall-festa kienu jinżlu ħafna nies minn Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun u l-Kottonera. Il-knisja l-qadima kienet tkun imżejna kollha damask aħmar u linef tal-kristall li għadhom jintużaw sal-lum. L-artal maġġur kien jiżżejjen b'mod tradizzjonali, b'sett ta' sitt Appostli arġentati, erba' važuni bil-fjuri tal-ganutell, ventartal irrakkmat bid-deheb u sett ta' tnax-il gandlier bis-salib, lewn il-fidda. L-istil barokk ta' din il-knisja żgħira kien iżid u jsebbaħ l-atmosfera ta' festa, bl-orkestra fil-gallerija tal-kor; orkestra li ta' kull sena kien jieħu ħsieb iġibha apposta, il-Kapitlu tal-Isla.

Ma kienx ikun hemm logħob tan-nar, imma kienet issir xi musketterija fi Triq La Sengle, ftit passi 'il bogħod mill-knisja. Kien hemm żmien meta kienet issir il-ġostra fi Triq ix-Xatt, u snin wara, fi żmien il-Kappillan Dun Joe Carabott, jiġifieri fis-sittinijiet tas-seklu l-ieħor, kienu jiżżejnu d-dgħajjes, il-kajjikki u l-kenuri sorġuti fil-bajja ta' Wied il-Għajn.

Kienu jsiru wkoll diversi tlielaq bil-frejgatini u attivitajiet sportivi oħra, kemm fil-*pitch* tal-*waterpolo* kif ukoll fil-bajja.



L-istatwa ta' Sant'Anna għall-ewwel darba fil-knisja l-qadima fl-1947

Sal-1952, id-dawl elettriku kien għadu ma wasalx f' Wied il-Għajn u allura t-tiżjin kien jikkonsisti biss minn ftit antarjoli u karti min-naħa għall-oħra tat-triq. Id-dilettanti ta' dak iż-zmien kienu jixgħelu fjakkoli biż-żejt ikkulurit mal-faċċata tal-knisja u mal-istatwa ta' Sant'Anna fil-pjazza. Peress li Dun Tarċis kien ukoll il-Kappillan tal-*army*, mhux l-ewwel darba li kien jissellef xi *generator*, li permezz tiegħu kien jixgħel xi partijiet tat-toroq, speċjalment Triq La Sengle. Niftakar li fi żmien il-Kappillan Dun Joe Carabott, kien beda jiżdied id-dawl ta' barra, bdew jintramaw l-arbli u minflok bandalori, kienu jittellgħu magħhom bnadar dekorattivi u oħrajn tal-pajjiżi. Fl-1949, qabel mal-Kappillan Dun Tarċis Agius ħa l-pussess, kienu jiġu mistiedna ż-żewġ baned ta' Ħaż-Żabbar, dawk tal-Grazzja u ta' San Mikiel, li kienu jalternaw minn sena għal oħra. Iżda ftit wara, il-banda San Mikiel kienet l-unika banda li kienet tieħu sehem fil-festa sakemm imbagħad il-banda San Mikiel bdiet tieħu sehem il-Ġimgħa u l-Ħadd mal-purċissjoni u tal-Grazzja reġgħet bdiet tieħu sehem is-Sibt. Dan sakemm fl-1994, Wied il-Għajn ifforma l-banda tiegħu li din is-sena qed tiċċelebra l-għoxrin sena minn twelidha. Fl-erbgħinijiet tas-seklu l-ieħor, għall-festa kien jintrama planċier għall-bandisti fil-pjazza, fejn kien hemm statwa ta' Sant' Anna. Meta mbagħad inbniet il-Knisja l-ġdida, il-planċier beda jintrama fejn il-gabbana li kien hemm fil-Pjazza. U llum m'għadu jintrama xejn.

Kif inbniet l-knisja l-ġdida, il-vara ġiet trasferita, permezz ta' purċissjoni biex tieħu postha f'niċċa li kienet saret apposta għaliha ġol-ħajt ta' wara l-artal maġġur, fejn illum hemm il-kurċifiss. Fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet, bħala *fund raising* biex jinġabru flus għall-knisja l-ġdida, kienu jsiru fieri b'mod regoalri fil-pjazza ta' Wied il-Għajn. Niftakar li hemmhekk, rajt l-ewwel pizez fil-pubbliku, pizez veru tajbin bl-għaġina safranija bit-tadam, inċova u kappar. Fuq iz-zuntier tal-knisja, kienu jsiru lotteriji kull ġimgħa, kif ukoll *bazaars*. Wara li nbniet il-knisja l-ġdida, dawn il-*bazaars* bdew isiru regolarment fil-knisja l-qadima. Kien ukoll jintwera *film talkies*, tista' tgħid darba iva u darba le, kull nhar ta' Sibt jew nhar ta' Ħadd, u anki xi teatrini fid-Domus ta' Triq La Sengle, fejn illum jgħallmu tal-M.U.S.E.U.M. F'din is-sala, kienu jiġu organizzati anki xi *parties* jew tiġijiet. Dun Joe Carabott irrakkuntali li anki l-bdiewa kienu jgħinnu b'mod finanzjarju billi kienu jagħtuh xi mezza patata biex itellagħha lotterija għall-bżonnijiet tal-festa. Oħrajn kienu jagħtu

l-flus. Ir-residenti permanenti kif ukoll dawk li jiġu għas-sajf, kienu jgħinnu kemm fl-arbural kif ukoll b'donazzjonijiet separati. Ma kienx jonqos li xi nisa kienu jżanżnu xi libsa ġdida għal jum il-festa u tarahom jippassiġġaw fil-pjazza, fi Triq ix-Xatt u bnadi oħra tar-raħal. Fi żmien il-Kappillan Carabott, kienu jiġu organizzati ġimgħa attivitajiet liturġiċi u kull ġurnata kienet tiġi assenjata għax xi membri tal-għaqdiet partikolari tal-Parroċċa, bħat-tfal, anzjani, morda, emigranti, żgħażagħ u l-għaqdiet, filwaqt li l-Erbgħa, il-Ħamis, u l-Ġimgħa, kienu magħrufa bħala l-jiem tat-tridu. Dak iż-żmien, kienu jiffrekwentaw numru kbir ta' seminaristi fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn, meta ġiet indurata il-vara fl-1973 u ġiet lura Wied il-Għajn u daħlet fil-bajja tar-raħal, akkumpanjata bi kwantità kbira ta' frejgatini, laneċ u inġenji oħra tal-baħar, b'ħafna minnhom imżejna għall-okkażjoni, u ftit wara saret il-purċissjoni f'nhar Sant'Anna, fejn ħadu sehem mal-ħamsa u tletin seminarist. Il-festa ta' dari, kienet issir b'sollenità kbira u b'sehem ikbar ta' saċerdoti u lajċi.

Il-purċissjoni illum kibret fil-popolarità. L-era moderna ġabet magħha kumditajiet ġodda, trasport aħjar, iżjed flus fl-idejn u numru kbir ta' restoranti, bars u gabbani li jbigħu xorb, ġugarellli, ħelu, qubbajt u kull xorta ta' ikel. Il-festa kibret ukoll għax il-popolazzjoni ta' Wied il-Għajn, minn ftit mijiet kif kienet matul is-snin ħamsin u sittin, splodiet għal madwar wieħed u għoxrin elf, matul l-istaġun tas-sajf.

Ma nistax ma nsemmix lill-volontieri iddedikati u għaqdiet fi ħdan il-Parroċċa, li ħadmu bla heda biex jiżguraw li titkabbar il-ħeġġa għall-festa u għall-attivitajiet reliġjużi l-oħra. B'hekk il-messaġġ t'Alla u ta' Sant'Anna jasal għand il-parruċċani u għand l-eluf li jattendu għal diversi attivitajiet, fosthom għal ħafna quddies li jsir matul il-ġimgħa.

**Ftit kurżitajiet dwar il-festa ta' Sant' Anna:**

- Dun Tarċis Agius, l-ewwel Kappillan ta' Wied il-Għajn, ġie ordnat saċerdot fil-festa ta' Sant'Anna, fis-26 ta' Lulju 1937, u l-aħħar quddiesa tiegħu kienet ukoll fil-festa ta' Sant' Anna fis-26 ta' Lulju 1966.
- San Ġorġ Preca, li kien devot kbir ta' Sant' Anna, miet fil-festa tagħha, fis-26 ta' Lulju 1962. San Ġorġ Preca kellu mħabba kbira lejn Sant'Anna, tant hu hekk li kien iħobb isejħilha "in-Nanna ta' Ġesù." Għaxar snin qabel miet, San Ġorġ Preca, kiteb tislima lil Sant'Anna, li tgħid hekk:

Salve Sancta Anna,
Salve Sancta Maria,
Salve Avia Jesu,
Ipsumque ora pro nobis.

Sliem għalik o Sant' Anna,
Sliem għalik o Omm Marija,
Is-sliem għalik o Nanna ta' Ġesù,
Itlob lil dan Ġesù għalina.